

Brussell, 29 ta' Novembru 2024
(OR. en)

16128/24

ESPACE 108	TELECOM 357
RECH 516	MI 976
COMPET 1154	ENER 574
IND 534	EMPL 589
EU-GNSS 26	CSC 686
TRANS 511	CSCGNSS 13
AVIATION 161	CSDP/PSDC 835
MAR 209	CFSP/PESC 1686

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Novembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.:	15017/24 + COR 1
------------------	------------------

Suġġett:	L-evalwazzjoni interim tal-Programm Spazjali tal-Unjoni Ewropea - Konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fid-29 ta' Novembru 2024)
----------	---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *L-evalwazzjoni interim tal-Programm Spazjali tal-Unjoni Ewropea*, approvati mill-Kunsill fl-4063 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Novembru 2024.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-EVALWAZZJONI INTERIM TAL-PROGRAMM SPAZJALI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- A. Ir-Regolament (UE) 2021/696 li jistabilixxi l-Programm Spazjali tal-UE, li jgħaqqad l-attivitajiet spazjali kollha tal-UE f'qafas regolatorju komprensiv wieħed.
- B. Copernicus sal-2035 - Konklużjonijiet tal-Kunsill¹.
- C. Approċċ tal-UE għall-ġestjoni tat-traffiku spazjali - Konklużjonijiet tal-Kunsill².
- D. Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2023 dwar l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża³.
- E. It-tiŝiħ tal-kompetittività tal-Ewropa permezz tal-ispazju - konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024⁴.
- F. L-Aġenda Strateġika 2024-2029 annessa mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2024⁵

¹ Dokument 10070/22.

² Dokument 10071/22.

³ Dokument 14512/23.

⁴ Dokument 10142/24.

⁵ Dokument EUCO 15/24.

INTRODUZZJONI

1. JILQA' r-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-"Implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-UE u l-Prestazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)" (Evalwazzjoni Interim) kif previst fl-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) 2021/696.
2. JIRRIKONOXXI l-progress li sar minn meta bdiet l-implimentazzjoni tal-Programm fl-2021, b'mod partikolari fil-konsolidazzjoni tad-diversi attivitajiet spazjali tal-UE taħt qafas regolatorju uniku, li jsaħħaħ b'mod sinifikanti l-koerenza, l-effiċjenza, u l-impatt strateġiku tal-inizjattivi tal-UE relatati mal-ispazju.
3. JILQA' l-implimentazzjoni b'suċċess tal-inizjattivi ewlenin tal-Programm, Copernicus, Galileo u EGNOS li ssodisfaw l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħhom u pprovdew b'mod konsistenti servizzi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku essenzjali għal diversi setturi madwar l-UE.
4. JIRRIKONOXXI l-avvanzi f'waqthom f'inizjattivi ġodda bħal GOVSATCOM u l-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA) li jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika tal-UE f'ekonomija miftuħa u r-reżiljenza tagħha f'ambjent spazjali dejjem aktar konġestjonat u kkontestat.
5. JINNOTA li l-fażi operattiva tal-attività ta' GOVSATCOM u l-Event tat-Temp Spazjali (SWE) u l-Oġġetti Qrib id-Dinja (NEO) tal-komponent tal-SSA bdiet biss lejn tmiem il-perjodu ta' evalwazzjoni li kellu jiġi konkluż fit-30 ta' Ġunju 2024 mir-Regolament, li jqajjem dubju dwar il-fattibbiltà ta' evalwazzjoni robusta għal dawn il-komponenti, b'mod partikolari analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji.
6. JIRRIKONOXXI li minkejja l-kuntest globali diffiċli, inklużi t-tensjonijiet ġeopolitiċi, it-tfixkil fil-katina tal-provvista, u l-impatti tal-pandemija tal-COVID-19, il-Programm żamm it-trajettorja ġenerali tiegħu ta' suċċess u beda jintegra komponenti ġodda b'mod xieraq.

7. JILQA' l-isforzi tal-entitajiet kollha involuti, inkluż il-Kummissjoni Ewropea, l-EUSPA, l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), entitajiet inkarigati oħra u l-Istati Membri tal-UE, fl-iżgurar tal-progress kostanti tal-Programm, filwaqt li jenfasizza l-importanza ta' kollaborazzjoni mill-qrib fil-kisba tal-oġettivi tiegħu.
8. JINNOTA b'sodisfazzjon il-kontribut tal-Programm għall-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, b'mod partikolari fl-appoġġ tal-għanijiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza tal-UE permezz tal-integrazzjoni u t-titjib tad-data ta' Copernicus, Galileo u EGNOS fil-politiki tal-UE bħall-monitoraġġ tal-klima, tal-bijodiversità u tal-oċeani, it-trasport jew l-agrikoltura, u t-tnedija b'suċċess tal-attivitajiet preparatorji ta' GOVSATCOM.
9. JIRRIKONOXXI dawn l-istadji importanti bħala evidenza tal-maturità dejjem akbar tal-Programm u r-rwol essenzjali tiegħu fil-promozzjoni tal-Unjoni bħala attur globali fis-settur spazjali u fl-iżgurar li l-UE tibqa' fuq quddiem nett tal-innovazzjoni u l-kapaċità spazjali.

GĦANIJET STRATEĠIĊI U BENEFIĊĊJI SOĊJOEKONOMIĊI

10. JILQA' r-rwol tal-Programm fit-tisħiħ tar-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-UE f'ekonomija miftuħa, kif ukoll il-kontribut tiegħu għat-tnaqqis tad-dipendenzi fuq sistemi spazjali mhux Ewropej filwaqt li jiżgura li l-UE tibqa' awtodipendenti f'oqsma kritiċi bħan-navigazzjoni bis-satellita, il-pożizzjonament u t-twaqqit, u l-osservazzjoni tad-Dinja filwaqt li tinżamm il-kapaċità tal-UE li topera b'mod indipendenti fix-xena globali, u l-kapaċitajiet dejjem akbar fl-SSA u s-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju (SST), b'mod partikolari f'ambjent spazjali dejjem aktar ikkontestat u kompetittiv.
11. JENFASIZZA l-potenzjal ta' użu doppju ta' xi komponenti spazjali u JIRRIKONOXXI x-xewqa, fejn adatt, u filwaqt li tiġi rispettata l-kompetenza tal-Istati Membri u n-natura ċivili tal-programm, li jittieħed kont tal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti governattivi.

12. JIRRIKONOXXI l-impetu ġġenerat mill-Programm fl-iżvilupp ta' swieq u opportunitajiet ġodda għall-intrapriżi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu, it-trawwim tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku, il-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju madwar l-UE, it-tiżiħ tal-industrija spazjali tal-UE, u l-kontribut għat-tiġdid ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, li kollha kemm huma jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku usa' tal-Unjoni.
13. JIRRIKONOXXI li l-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-Programm implimentat huma proporzjonati għat-twettiq sħiħ u l-użu mifruq tas-servizzi u d-data ġġenerati mill-Programm u JISSOTTOLINJA l-importanza li ssir enfasi fuq u tissaħħaħ l-adozzjoni mill-utenti tal-komponenti kollha tal-Programm permezz ta' approċċ u inizjattivi strateġiċi, kemm għas-settur spazjali kif ukoll għal dak mhux spazjali.

L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM

14. JIRRIKONOXXI l-iżvilupp pożittiv tal-komponent Copernicus, li qabeż il-miri ta' prestazzjoni tiegħu, inkluż dawk għall-affidabbiltà u l-kontinwità tad-data u s-servizzi, minkejja d-diżappunti kkawżati mid-data nieqsa minn Sentinel-1 B; JIRRIKONOXXI li l-għadd ta' utenti tad-data u s-servizzi ta' Copernicus qed ikompli jikber, u dan jirrifletti l-importanza u l-utilità dejjem akbar tal-informazzjoni pprovduta biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti tiegħu u jiġu appoġġati l-politiki tal-UE, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku tal-UE.
15. JINNOTA li l-politika attwali tal-ipprezzar tal-Programm, b'mod partikolari l-politika dwar id-data libera, sħiħa u miftuħa ta' Copernicus, uriet li hija effettiva fl-appoġġ tal-innovazzjoni u l-użu wiesa' f'diversi setturi, u JINNOTA, madankollu, il-limitazzjonijiet tal-mudell eżistenti ta' kondiviżjoni u liċenzjar tad-data meta tinkiseb data minn sorsi kummerċjali.
16. JINNOTA l-valutazzjoni għall-iżvilupp ta' servizz governattiv potenzjali ġdid tal-UE għall-Osservazzjoni tad-Dinja li jikkomplementa l-kapaċitajiet eżistenti u ppjanati u, jwieġeb għall-ħtiġijiet identifikati, inkluż fejn adatt it-tiżiħ tal-appoġġ għas-sigurtà u d-difiża.

17. JILQA' l-prestazzjoni ġenerali ta' Galileo u d-dikjarazzjoni ta' servizzi ġodda b'has-Servizz ta' Akkuratezza Għolja (HAS), li jsaħħaħ b'mod sinifikanti l-preċiżjoni ta' Galileo, u JILQA' x-xandir inizjali tas-Servizz Pubbliku Regolat (PRS) u l-Awtentikazzjoni tal-Messaġġi ta' Navigazzjoni Miftuħa (OSNMA) b'antiċipazzjoni tad-dikjarazzjoni tas-servizz, bil-ħsieb li jiġu pprovduti benefiċċji kritiċi kemm għas-settur governattiv kif ukoll għal dak privat, inkluż it-trasport, l-agrikoltura, il-ġestjoni tal-emerġenzi, is-sikurezza, is-sigurtà u d-difiża. JINNOTA bi tħassib iż-żieda fl-okkorrenzi ta' spoofing u imblukkar.
18. JIDDISPJAĊIJI li l-Kapaċità Operattiva Sħiħa (FOC) ta' Servizz Miftuħ u l-Kapaċità Operattiva Inizjali (IOC) tas-Servizz Pubbliku ta' Galileo għad iridu jinkisbu, parzjalment minħabba kwistjonijiet relatati mas-servizzi ta' tnedija, JENFASIZZA li tali kwistjonijiet jgħolqu riskji potenzjali għall-kontinwità u l-kwalità tas-servizzi Galileo u JAPPELLA għat-tiħiħ kontinwu tal-kwalità u l-ġestjoni tas-sigurtà fi ħdan il-programm; għalhekk, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiprijoritizza l-iskjerament tas-satelliti, tindirizza l-isfidi, u tiżgura l-manutenzjoni fit-tul tal-prestazzjoni tas-servizz Galileo.
19. JIRRIKONOXXI li filwaqt li EGNOS tejjeb b'mod sinifikanti l-akkuratezza u l-affidabbiltà tan-navigazzjoni bis-satellita madwar l-Ewropa, għad hemm xi lakuni fil-kopertura, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tindirizza dawn il-lakuni fil-kopertura u biex tiżgura operazzjonijiet kontinwi u sikuri matul l-iskjerament tal-EGNOS V3, u biex tadatta s-sistema EGNOS għar-rekwiżiti ta' utenti ewlenin oħra.
20. JILQA' l-kisbiet ta' suċċess tas-servizzi ta' Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju (SST) taħt il-komponent tal-SSA, speċjalment il-parteciċipazzjoni dejjem akbar tal-Istati Membri u l-għadd dejjem jikber ta' organizzazzjonijiet u satelliti rreġistrati, li jirriflettu s-suċċess tal-Programm fit-tiħiħ tal-għarfien tas-sitwazzjoni spazjali fl-UE, u fil-promozzjoni ta' koordinazzjoni globali bejn is-sistemi eżistenti ta' sorveljanza u insegwiment li qed jiżviluppaw fl-ispazju f'diversi reġjuni madwar id-dinja.

21. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi mmodernizzata u msaħħa l-infrastruttura ta' Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju (SST) tal-UE biex tittejjeb il-kapaċità tagħha li tistħarreġ u tintraċċa l-oġġetti u r-residwi spazjali u għalhekk JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu t-tishiġ tal-kapaċitajiet tal-SST biex tiġi żgurata sistema robusta u reżiljenti għall-għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju.
22. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-analiżi li għaddejjja tar-rekwiżiti tas-servizz tal-Eventi tat-Temp Spazjali (SWE) skont l-Artikolu 60 tar-Regolament tal-UE dwar l-Ispazju. Barra minn hekk, JIRRIKONOXXI l-implimentazzjoni effettiva tal-kompiti fdati mill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) f'dan il-qasam kif ukoll fil-qasam tal-Oġġetti Qrib id-Dinja (NEO).
23. JINNOTA l-implimentazzjoni li għaddejjja tal-attivitajiet preparatorji għall-forniment tas-servizzi skont l-inizjattiva GOVSATCOM, inkluż il-proċess tal-akkwist tal-infrastruttura ta' Ċentru, u l-mitigazzjoni tad-dewmien inizjali, li juru l-kapaċità potenzjali tal-Programm li jipprovdi servizzi ta' komunikazzjoni siguri kritiċi vitali għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari missjonijiet kritiċi għas-sikurezza u s-sigurtà.
24. JISSOTTOLINJA l-komplementarjetà tal-komponent GOVSATCOM mal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, IRIS², li jiżgura allinjament komprensiv, kosteffettiv u effiċjenti mal-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni siguri tal-UE inkluża l-kopertura globali.

EUSPA

25. JILQA' l-evoluzzjoni tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA) fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) bħala pass sinifikanti fit-tishiġ tal-governanza u l-ġestjoni tal-Programm u tas-sistema operattiva tal-Programm u l-komponenti tiegħu. Fl-istess ħin JIRRIKONOXXI l-aġilità muriġa mill-EUSPA fit-twettiq ta' kompiti ġodda u fl-adattament għal responsabbiltajiet u sfidi ġodda.

26. JILQA' l-prestazzjoni ġenerali tal-EUSPA fil-ġestjoni tal-kompiti ewlenin u fdati fl-ambitu tal-Programm Spazjali tal-UE u l-isforzi tal-Aġenzija li kienu strumentali fl-iżgurar ta' twassil effettiv ta' servizzi u ġestjoni sigura tal-assi spazjali, u fil-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-adozzjoni mis-suq fis-settur spazjali tal-UE; JILQA' l-fatt li l-indipendenza u l-awtonomija tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà ġew żgurati.
27. JISSOTTOLINJA r-rwol tal-EUSPA bħala l-istruttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà spazjali tal-Programm Spazjali tal-UE, JILQA' l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni biex jittaffew il-limitazzjonijiet attwali tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sigurtà Galileo u, JENFASIZZA l-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurtà operazzjonali tas-sistemi satellitari tal-UE, inkluż ir-rwol ewlieni tal-EUSPA f'dan ir-rigward.

TAGĦLIMIET MEĦUDA U PROSPETTI

28. JENFASIZZA l-ħtieġa urġenti li jiġi indirizzat it-theddid dejjem akbar għas-sikurezza u r-reżiljenza tal-Programm Spazjali fid-dawl taż-żieda fir-riskji taċ-ċibersigurtà, l-interferenzi mill-frekwenzi tar-radju, l-attività solari u r-riskji ta' kollizzjoni; u JENFASIZZA li hija meħtieġa azzjoni deċiżiva biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-attivitajiet spazjali.
29. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza tal-Programm Spazjali tal-UE fuq pajjiżi terzi, li hija partikolarment importanti f'oqsma kritiċi bħall-aċċess għall-materja prima, il-komponenti u s-servizzi u JILQA' l-attivitajiet tal-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi u t-Task Force Konġunta dwar it-teknoloġiji spazjali kritiċi.
30. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jissaħħaħ l-aċċess awtonomu, sigur u kosteffettiv tal-Unjoni għall-ispazju, JINNOTA l-miżuri tal-Kummissjoni biex jiġu żgurati soluzzjonijiet alternattivi ta' llanċjar ma' fornituri ta' pajjiżi terzi f'ċirkostanzi debitament ġustifikati u JENFASIZZA l-urġenza u l-ħtieġa għal kontinwità fl-appoġġ tal-adattament, l-iżvilupp u l-iskjerament ta' kapaċitajiet ta' llanċjar awtonomi Ewropej għall-aċċess għall-ispazju, b'kont meħud tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni.

31. IFAKKAR fil-ħtieġa li jiġu żgurati l-kontinwità msaħħa u l-iżvilupp ulterjuri tal-komponenti operattivi attwali, b'mod partikolari Copernicus, Galileo u EGNOS, fl-ipprogrammar ulterjuri tal-Programm Spazjali tal-UE.
32. JAPPELLA għas-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' akkwist mill-atturi kollha involuti fil-Programm Spazjali tal-UE, u għall-integrazzjoni ulterjuri ta' atturi spazjali ġodda u l-ekosistema spazjali emerġenti fil-Programm (inklużi negozji ġodda, parteċipanti ġodda u SMEs), u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' proċessi ta' akkwist pubbliku miftuħa u trasparenti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' industrija spazjali Ewropea diversifikata u innovattiva, b'kont meħud tal-oġġettiv tal-promozzjoni tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni f'ekonomija miftuħa b'mod partikolari f'termini ta' teknoloġija fit-teknoloġiji ewlenin u fil-ktajjen tal-valur.
33. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tibni fuq il-valutazzjoni⁶ tal-ostakli eżistenti li jipprevjenu adozzjoni aħjar mis-suq ta' data u servizzi bbażati fl-ispazju fis-setturi kollha tal-ekonomija, peress li t-tneħħija ta' dawn l-ostakli hija kritika għall-finijiet tal-massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-Programm Spazjali tal-UE u l-iżgurar li l-potenzjal tiegħu jiġi realizat bis-sħiħ madwar l-Unjoni, u JAPPELLA lill-Kummissjoni, flimkien mal-entitajiet fdati, inkluż l-EUSPA, u bl-involviment tal-Istati Membri, biex tindirizza dawn l-isfidi permezz ta' approċċ strateġiku li jħares 'il quddiem li jenfasizza l-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-adattabbiltà, li jsir possibbli bl-abbozzar u l-adozzjoni ta' strateġija tad-data spazjali li tkun adatta għall-finijiet tagħha.
34. JISTIEDEN lill-Kummissjoni ssaħħaħ ekonomija spazjali tal-Unjoni b'saħħitha billi ssaħħaħ il-kompetittività, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, il-ħiliet u l-bini tal-kapaċità fl-Istati Membri u r-regġuni kollha tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs u n-negozji ġodda.
35. JINNOTA madankollu li l-indikaturi ewlenin, kif previsti fir-Regolament, għandhom jiġu definiti aħjar b'mod partikolari fir-rigward tal-kompetittività, ir-rwol tal-SMEs, u ċerti elementi ta' programmazzjoni, għalhekk JIRRIKONOXXI li l-Qafas Kunċettwali l-ġdid ikun għodda importanti għall-valutazzjoni tal-benefiċċji tal-Programm Spazjali tal-UE.

⁶ Dokument 12013/24.

36. JIRRIKONOXXI li l-investimenti kontinwi mmexxija mill-utenti fl-innovazzjoni u l-infrastruttura kompetittivi huma essenzjali biex tibqa' fuq quddiem nett fit-teknoloġiji spazjali u biex jitrawmu sinerġiji ma' programmi u inizjattivi li jappoġġaw applikazzjonijiet spazjali ġodda permezz ta' teknoloġiji bħall-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġija kwantistika, is-sistemi awtonomi u ċ-ċibersigurtà.
37. JILQA' l-ingranaġġ tal-Programm Spazjali tal-UE biex l-Unjoni tiġi ppożizzjonata aktar bħala sieħeb affidabbli fid-diplomazija spazjali. Il-kisbiet tal-Programm iservu, prinċipalment permezz tal-komponenti Copernicus, Galileo, EGNOS u s-subkomponent tal-SST, bħala punti ta' riferiment dinjija u huma vitali għall-iżvilupp u t-tiħiħ tas-sħubijiet ma' pajjiżi terzi, li huma essenzjali biex tissaħħaħ l-influwenza globali tal-UE u tiġi promossa l-kooperazzjoni internazzjonali fl-ispazju.
-